**AVVIŻ TA' TWISSIJA PUBBLIKA MAĦRUĠA MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

3 ta' Awwissu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-Pubbliku li n-negozju segwenti:

**Environmental Management Solutions Ltd.**

kien is-suġġett ta' deċiżjoni tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata darbtejn mill-Qorti tal-Appell u li, sal-lum, għadha ma ġietx onorata minkejja diversi tentattivi sabiex tiġi żgurata l-konformità magħha.

Permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, in-negozjant ġie ordnat jirrifondi lill-konsumatur is-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500), li tirrappreżenta parti mit-telf imġarrab fir-rigward ta' pannelli solari difettużi li ma kinux qed jipproduċu biżżejjed enerġija, u għalhekk naqsu milli jilħqu l-għan intenzjonat tagħhom li jnaqqsu l-kontijiet tad-dawl tal-konsumatur. It-Tribunal ordna wkoll li l-ispejjeż jiġu sostnuti mill-intimat skont il-liġi.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjoni tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)

**Malta Competition and Consumer Affairs Authority**
National Road, Blata l-Bajda ĦMR 9010
+365 2395 2000

mcca.org.mt